MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 2/2001/1

**Jane Cini.**

**vs**

**Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp.**
**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-14 ta' Marzu 2001 a fol. 1 fejn gie premess:-

1. Illi b'decizjoni tat-2 ta' Marzu, 2001, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet premessi (ara d-Dok. "JC1" anness) iddecieda li jichad l-appell maghmul mill-esponenti quddiem l-istess Bord u dan wara rifjut li kienet tat il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp fil-25 ta' Ottubru, 1995, fil-konfront ta' applikazzjoni ta' l-istess esponenti, liema applikazzjoni hija ghal *"cleaning of site from boulders and dried vegetation, setting out of same boulders in low walls and floor paving, extension and*

*construction of a pergola with Hasira*" f'sit f' Hagar Qim, limiti tal-Qrendi;

2. Illi l-esponenti thossha aggravata minn din id-decizjoni u ghalhekk permezz tal-prezenti qed tinterponi umli appell mill-istess decizjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi l-ewwel aggravju huwa car u manifest ghaliex is-sentenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hija sprovvista minn elementi meqjusa essenzjali ghall-validita' ta' decizjonijiet. Illi ghalkemm huwa minnu illi l-ligi taghti l-fakulta' lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sabiex fl-assenza ta' regoli specifici huwa jkun jista' jirregola l-procedura tieghu minghajr formalizmu zejjed, dan zgur ma jistax japplika regoli ta' procedura li jmorru kontra l--principji bazilari stess tal-procedura;

Illi, bir-rispett kollu, id-decizjoni in kwistjoni tippekka serjament f'dak li huma principji bazilari tal-procedura ghaliex <u>ma taghmilx referenza ghall-izvilupp li qieghed jigi propost mill-esponenti</u>. Minhabba f'hekk tali decizjoni ma tistax tiqies kompluta ghall-effetti kollha li l-istess decizjoni jista' jkollha skond il-ligi u tista' tkun ta' pregudizzju ghall-istess esponenti;

4. Illi t-tieni aggravju huwa car u manifest ghaliex kif l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell irrikonoxxiet fil-gurisprudenza taghha, l-**artikolu 32 (3) tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta** mhux neccessarjament jimplika n-nullita' ta' l-applikazzjoni f'kaz fejn l-istess applikazzjoni ma tkunx konformi mieghu. Dan ghaliex meta applikant li ma jkunx is-sid ta' l-art li fuqha qed jigi propost l-izvilupp, bi zball jimla *'Certificate of Ownership A'* minflok *'Certificate of Ownership B'*, is-soluzzjoni, bir-rispett kollu, ma ghandiex tkun in-nullita ta' l-applikazzjoni izda l--esponenti kellha tinghata l-opportunita` li tirrimedja ghall-izball billi tipprezenta *'Certificate of Ownership B'* (ara s-sentenza flismijiet "**Gordon Asciak vs. L-Awtorita` ta' l-Ippjanar"**, deciza 28 ta' Frar,1997 - Appell numru 2A/96);

Illi bir-rispett kollu, s-sentenza li ghaliha l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ghogbu jaghmel referenza, jigifieri dik ta' **"Michael Abela vs. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (deciza 11 ta' Mejju, 1998 - Appell numru 121/97), ma titrattax l-istess fatti specje tal-kaz odjern stante illi filwaqt li f'dik ta' l-ewwel l-applikant kellu biss titlu ta' *'encroachment'*, l-esponenti f'dan l-appell ghandha pussess ta' l-art in kwistjoni b'titolu ta' kera u hija l-operatur licenzjat ta' l-istabbiliment li fih huwa propost l--izvilupp;

Illi bir-rispett kollu, l-izvilupp propost huwa tant ta' entita' minima li bilkemm tista' ssejjahlu zvilupp, anzi aktar jaqa' taht il-kategorija ta' manutenzjoni ordinrja, liema manutenzjoni, skond ir-regoli tal-kera, taqa' taht ir-responsabbilta' assoluta ta' l-esponenti u mhux tal-proprjetarju u minhabba f'hekk l-oggezzjonijiet ta' din ta' l-ahhar ma ghandhomx jinghataw importanza legali;

Ghaldaqstant, l-appellanti, filwaqt illi taghmel referenza ghall-provi gia prodotti u tirriserva li ggib provi ohra skond il-ligi, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha tirrevoka d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tat-2 ta' Marzu, 2001, fil-kaz fl-ismijiet premessi in kwantu laqghet eccezzjoni ta' nullita u cahdet l-appell quddiem l-istess Bord u kkonfermat ir-rifjut relattiv u tordna li l-process relattiv jintbaghat lura lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar biex l-istess, wara li jsiru l-korrezzjonijiet neccessarji u jigi trattat il-mertu ta' l-appell, jiddeciedi l-kaz skond il-ligi.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Kummissjoni appellata.

Rat id-dokumenti esebiti a fol 5 sa 7 tal-process;

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvillup u l-Awtorita ta' l-Ippjanar tas-7 ta' Mejju 2001 a fol 9 u 10 tal-process:

Illi preliminarjament, l-appell kellu jsir mhux quddiem il-Qorti ta' l-Appell izda quddiem il-Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri) skond l-**artikolu 15(2) u (10) u t-Tielet Skeda ta' l-Att I ta' l-1992** bl-emendi li gew fis-sehh fl-1 ta' Marzu, 2001 u ghaldaqstant l-appell hu null;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-ewwel lok id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell tat-2 ta' Marzu, 2001 hi gusta u timmerita konferma;

Illi d-decizjoni inghatat abbazi ta' eccezzjoni preliminari u l-Bord gustament iddecieda dak il-punt preliminari li ghaldaqstant ma thalliex lill-Bord jidhol fil-mertu tal-kaz stante n-nullita' ta' l-applikazzjoni u kollox li jorigina minnha;

Illi d-decizjoni mhiex nieqsa mill-elementi essenzjali stante li gie deciz li l-istess applikazzjoni (li minnha sar l-appell) ma kenitx konformi ma' l-**artikolu 32(3) ta' l-Att I ta' l-1992;**

Illi l-precedent ta' **"Michael Abela vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** imsemmi tal-Qorti ta' l-Appell hu l-veru precedent f'dan il-kaz, minhabba li l-kaz l-iehor ta' Gordon Asciak (ukoll imsemmi tal-Qorti ta' l-Appell), kien fih accettazzjoni tas-sid l-art biex isir l-applikazzjoni, waqt li l-kaz ta' Michael Abela kien proprju zvilupp fuq art tal-Gvern:

Finalment id-decizjoni ma kienitx titratta fuq l-entita' *o meno* tax-xogholijiet, tant hu hekk li l-istess kien appell minn rifjut ta' applikazzjoni ghal zvilupp ta' l-appellanta stess u cjoe' biex taghmel estenzjoni ta' *restaurant* fuq barra;

Ghaldaqstant, l-appellati, filwaqt li jaghmlu referenza ghall-provi gja prodotti u tirrizerva li ggib dawk il-provi kollha ammissibbli skond il-ligi, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tichad l-appell intavolat u tikkonferma d-decizjoni fl-ismijiet fuq premessi tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tat-2 ta' Marzu, 2001;

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appellanta tas-20 ta' Frar 2002, ir-risposta tal-Awtorita tal-Ippjanar tal-5 ta' Marzu 2002 u d-digriet tal-Qorti tat-8 ta' Marzu fejn giet ordnata l-korrezzjoni rikjesta,

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 12 ta' April 2002 fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Jane Cini kontra Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvillup"** deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbali tal-15 t'April 2002 fejn Dr Vella Cuschieri ghall-appellanta talbet li tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-27 ta' Mejju 2002.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Jane Cini tal-25 t'April 2002 (fol 22 sa 27) u tal-appellati datata 28 ta' Mejju 2002.

Rat il-verbal tas-27 ta' Mejju 2002.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar tat-28 ta' Mejju 2002 (fol 33 sa 37).

Rat il-verbal tat-28 ta' Ottubru 2002 fejn id-difensuri tal-partijiet prezenti rrimettew ruhhom ghan-noti rispettivi ta' sottomissjonijiet u talbu li l-appell imur ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Marzu 2003, u wara giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi dan l-appell qed issir mir-rikorrenti wara li hija kienet applikat ghall-hrug ta' permess ta' zvilupp ghal *"clearing of site from the boulders and dried vegitation, setting out same boulders in low walls and floor paving, extension*

*and construction of a pergola with Hsira f'sit f'Hagar Qim, limiti tal-Qrendi".*

Illi fid-decizjoni taghha tat-2 ta' Marzu 2001 l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hekk immotiva wkoll id-decizjoni tieghu:-

*"innota wkoll li fl-applikazzjoni ghall-permess ghall-izvilupp, l-appellanta ffirmat c-"Certificate of Ownership A" li minnu jirrizulta li hija ddikjarat li kienet is-sit tal-proprjeta' mertu ta' dan l-appell. Jirrizulta mill-P.A. file li l-proprjetarja hija Giuseppa Magri u wahda mir-ragunijiet tar-rifjut hija bbazata fuq din il-konsiderazzjoni (ara raguni ta' rifjut numru 1). Terga' fl-appell dan mhux kontradett. Il-bord jinnota wkoll li Giuseppa Magri oggezzjonat darbtejn bil-miktub ma' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, darba permezz ta' ittra datata 17 ta' Marzu 1994 bil-firma taghha stess (red 8 fil-PA file) u darb'ohra permezz tal-konsulent legali taghha l-professur Ian Refalo LL.D. datata 1 ta' Frar 1995 (red 10);"*

*"Rat d-decizjonijiet citati mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp ta dan il-Bord u ra wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta'* ***"Michael Abela vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"*** *deciza fil-11 ta' Mejju 1998 (appell numru 121/97);"*

*"Stante li l-applikazzjoni mhix konformi ma'* ***l-artikolu 32 (2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta,*** *il-Bord qed jilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Kummissjoni ghall-Kontrol ta' l-Izvilupp fuq l-iskorta tad-decizjonijiet hawn imsemmija u jichad l-appell".*

Illi din il-Qorti hasset li kellha ticcita din il-motivazzjoni u *d-decide* tad-decizjoni appellata tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, stante li l-ewwel aggravju tal-istess rikorrenti huwa fis-sens li l-istess decizjoni tal-Bord ma hijiex motivata ghaliex ma taghmilx riferenza ghall-izvilupp tal-istess rikorrent abbazi tal-applikazzjoni taghha, u dan ghaliex iddecidiet il-kaz fuq punt li hija sejhet ta'

procedura, u allura ma gie bl-ebda mod deciz skond hija l-mertu tal-istess appell.

Illi fl-ewwel lok ma hemm l-ebda dubju li s-sentenzi tal-Bord ta' l-Appel dwar l-Ippjanar, bhas-sentenzi ta' dawn il-Qrati ghandhom ikunu debitament motivati kif gie ritenut fis-sentenza **"John Grixti vs Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (A.C. 29 ta' Ottubru 1999), izda kif jidher car mill-brani kkwotati mill-istess decizjoni hawn appellata, jidher car li l-istess decizjoni hija ben motivata, u fil-fatt iddecidiet eccezzjoni preliminarja u perentorja tal-istess appellati li l-istess applikazzjoni tar-rikorrenti hija nulla u bla effett stante li ma kienitx prezentata mis-sid tal-istess art fejn kien qed jintalab li jsir l-izvilupp propost, u peress li din il-mankanza kienet kontra l-provedimenti tal-**artikolu 32 (3) tal-Kap 356,** l-istess appell gie ghalhekk michud, u dan wara li l-istess applikazzjoni kienet gja michuda mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp *inter alia* ghall-istess raguni, kif jidher car minn pagna tnejn (2) tad-decizjoni appellata.

Illi ghalhekk li l-istess rikorrenti ssostni li tali decizjoni ma kienitx ben motivata skond il-ligi hija mhux biss allegazzjoni bla ebda bazi izda addirittura frivola u vessatorja, ghaliex l-istess decizjoni tat ben car u bi preciz ir-raguni ghar-rifjut tal-istess applikazzjoni u konsegwentement tal-appell quddiem l-istess Bord.

Illi l-argumentazzjoni li l-istess decizjoni ma hijiex ben motivata skond il-ligi ghaliex ma saret l-ebda riferenza ghall-izvilupp propost hija wkoll svijatorja, u dan peress li la darba l-istess applikazzjoni giet dikjarata nulla u bla effett stante li ma giex rispettat dak stipulat fl-**artikolu 32 (3) tal-Kap 356,** u cjoe' li l-appellanti w allura l-applikanta fil-mument tal-prezentata tal-applikazzjoni taghha ma kienetx proprjetarja tal-istess art, l-istess Bord ta' l-Appell ma setghax lanqas kieku ried jidhol f'dak li l-appellanti qed issejjah il-mertu ta' l-applikazzjoni, u cjoe' l-izvilupp propost. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tali ezami kien ikun inutili, u kieku sar kien ikun wiehed purament akkademiku, stante li l-istess Bord ta' l-Appell *ai termini* tal-ligi vigenti kien gja ddikjara l-istess appell bhala null u bla effett. Anzi

l-opinjoni ta’ din il-Qorti hija li l-istess Bord ta’ l-Appell ta’ l-Ippjanar ma setghax inverita’ mexa b’mod izjed korrett minn dak li fil-fatt mexa.

Illi dan qed jinghad stante li mill-process tal-Awtorita` li gie esebit quddiem din il-Qorti dwar il-proceduri li gew segwieti mill-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, jirrizulta li l-istess process, minbarra l-eccezzjoni tal-istess appellati li r-rikorrenti ma kienitx il-proprjetarja tal-istess art li fuqha kienet qed tapplika, ma hemm xejn hlief diversi talbiet ghall differiment mill-istess appellanti anke tramite d-difensuri taghha, u dak fuq deciz ma huwa bl-ebda mod kontestat, tant li minn imkien ma jirrizulta li dak deciz mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, u wkoll dak li intqal mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp dwar dak deciz minnha gie b’xi mod kontestat.

Illi t-tieni aggravju tar-rikorrenti huwa fis-sens li l-applikazzjoni tal-**artikolu 32 (3) tal-Kap 356** ma jgibx necessarjament in-nullita’ tal-istess appell, stante li kif inghad fis-sentenza **“Gordon Asciak vs l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar”** (A.C. 28 ta’ Frar 1997) l-istess applikant ghandu jinghata opportunita’ li jikkoregi l-istess zball, u ghalhekk l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar meta ccita s-sentenza fl-ismijiet **“Michael Abela vs Kummisjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.C. 11 ta’ Mejju 1998) ma ghamilx sew stante li l-*fatti specie* ta’ dak il-kaz kienu differenti minn dak odjern stante li hemm, l-applikant ma kienx is-sid u ghalhekk kien bla titolu, meta *invece* r-rikorrenti odjern ghandha pussess ta’ l-art b’titolu ta’ kera.

Illi pero’ anke hawn din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellanti u dan peress li l-**artikolu 32 (3) tal-Kap 356** huwa car fil-kliem hemm uzat tant li ma jhalli lok ghall-ebda interpretazzjoni. Fil-fatt l-istess artikolu jipprovdi li:-

**Artikolu 32 (3) tal-Kap 356:-** *“Min japplika ghall-permess ghall-izvilupp ghandu jiccertifika lill-Awtorita` li huwa s-sid ta’ l-art jew li avza lis-sid bl-intenzjoni li japplika b’ittra registrata li l-Awtorita` tkun irceviet kopja taghha”.*

Illi jidher car li l-istess rikorrenti fl-ebda stadju ta' l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma kkonformat mal-istess disposizzjoni *nonostante* l-fatt li d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontrol ta' l-Izvilupp kienet fl-ewwel lok cahdet l-applikazzjoni tar-rikorrenti ghaliex hija ma kienitx proprjetarja tal-istess art, tant li kien hemm oggezzjoni ghall-tali zvilupp proprju minn sid l-istess art proprju kif indikat mill-istess Bord fis-sentenza hawn appellata.

Illi huwa inutili li l-istess rikorrenti tistrieh fuq is-sentenza fl-ismijiet **"Gordon Asciak vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** fuq citata stante li l-*fatti specie* ta' dak il-kaz huma ben differenti minn dawk odjerni, u dan peress li hemm ma kienx hemm oggezzjoni tal-istess sid, u fi kwalunkwe kaz hemm is-sitazzjoni giet rimedjata mill-istess applikant, li in verita' kien taht konvenju fil-mument tal-applikazzjoni u wara kellu l-kunsens tas-sid.

Illi *invece'* l-principju li mexa fuqu l-istess Bord tal-Appell huwa dak identiku li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell imxiet fuqu fil-kawza fl-ismijiet **"Michael Abela vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (JSP) (CAA) (JDC) 11 ta' Mejju 1998) fejn sostniet li *"din il-Qorti jidhrilha li din id-disposizzjoni cara tal-ligi ma tistax tigi njorata impunement".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Saviour Falzon vs l-Awtorita` ta' L-ippjanar"** (A.C. 31 ta' Mejju 1996) fejn inghad li:-

*"Mill-banda l-ohra pero' ligi cara w espressa m'ghandhiex tigi njorata impunement. Mhux biss. Elementi konsidrati bhala essenzjali fl-applikazzjoni tal-permess sottomess lill-Awtorita` ghandhom jigu sewwa osservati anke taht piena ta' nullita` ghaliex il-ligi meta tistipula dawn l-elementi u tesigihom tkun qed taghmel hekk mhux biss biex tipprotegi s-serjeta' tal-proceduri imma wkoll l-interessi kemm ta' l-applikant kif ukoll ta' terzi interessati".*

Illi fil-kazi fuq citati d-definizzjoni tas-sid skond **l-artikolu 2 tal-Kap 356** kienet:-

*" 'Sid' dwar l-art tfisser persuna li jew bi dritt taghha jew bhala agenta ta' haddiehor ghandh dritt tircievi l-kera ta' l-art jew, fejn l-art mhux mikrija, kien ikollha dak id-dritt kieku kienet mikrija".*

Illi bl-emendi li saru ghall-**Kap 356** permezz ta' **l-Att XXIII tan-1997, l-Att XXI tal-2001, u l-Att VI tal-2002,** id-definizzjoni ta' *'sid'* hija:-

*"(a) persuna jew bi dritt taghha nnfisha jew bhala agent ta' haddiehor ghandha d-dritt tircievi l-kera ta' l-art jew, fejn l-art mhux mikrija, kien ikollha dak id-dritt kieku mikrija;*

*(b) fejn l-art hija suggetta ghall-uzufrutt, in-nuda proprjeta' jew l-uzufruttwarju;*

*(c) l-enfitewta;*

*(d) kull wiehed mill-mizzewgin fejn l-art li dwarha jittratta l-izvilupp tkun tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti".*

Illi jidher car li anke kieku tapplika ghall-kaz odjern id-definizzjoni hekk emendata xorta wahda l-istess rikorrenti ma tapplikax bhala *sid,* ghaliex mhux biss ma hemmx dak rikjest fl-**artikolu 32 (3)** izda talli hemm l-opposizjoni tas-sid stess, u ghalhekk anke f'dan il-kaz l-appell tal-istess rikorrenti mhux biss huwa infondat fid-dritt izda addirittura vessatorju, w il-fatt li l-istess applikanta w appellanti odjerna ssostni li hija ghandha l-istess art jew bini b'titolu ta' kera huwa ghal kollox immaterjali ghall-pendenza odjerna u ghal dak provdut fl-imsemmija artikoli tal-**Kap 356,** kif ukoll ritenut fis-sentenza **"Eucharist Bajada vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (A.C. l-1 ta' April 1999).

Illi dwar l-ahhar punt imqajjem mill-istess appellanti li dak li applikat ghalih ma huwiex zvilupp izda biss manutenzjoni ordinrja huwa fl-opinjoni ta' din il-Qorti *non sequitur* u zbaljat u bizzejjed wiehed jirreferi ghad-definizjoni ta' zvilupp skond l-**artikolu 30 (2) tal-Kap 356,** u kull kumment iehor huwa superflu.

Illi ghalhekk l-appell tar-rikorrenti ghandu jigi michud.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoniijiet kollha tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp fir-risposta ta' l-appell taghha tas-7 ta' Mejju 2001, hlief l-ewwel wahda, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Jane Cini** permezz tar-rikors tal-appell taghha tal-14 ta' Marzu 2001, stante li huwa infondat legalment, u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-2 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet **"Jane Cini vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp".**

Bl-ispejjez kollha ghall-appelanti Jane Cini.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------